MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 148/2008

**A B f' isimha proprju,**
**u bhala kuratrici ad litem tal-minuri C B**
**vs**
**L-Avukat Dottor Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina**
**nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti D B u b'digriet ta' l-10 ta' Dicembru 2008 il-kuraturi deputati gew estromessi u assumiet l-atti l-Avukat Louise Anne Pulis.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Illi l-kontendenti li presenzjalment huma legalment separati, ghandhom tifel minuri bl-isem ta' C B;

Illi permezz ta’ digriet datat hdax (11) ta’ Gunju elfejn u sebgha (2007), (Dok. A), il-Qorti kienet ordnat illi l-kura u l-kustodja tal-minuri C B tkun kongunta bejn il-kontendenti, bl-obbligazzjoni ta’ l-intimat illi jhallas l-ispejjez edukattivi tal-minuri msemmi;

Illi ukoll fid-digriet msemmi, kien gie stabbilit modalita’ ta’ access ghall-missier fil-konfront tal-minuri C B;

Illi f’ Ottubru tas-sena elfejn u sebgha (2007) l-intimat, ad insaputa tar-rikorrenti, u minghajr ebda pre-avviz halla dawn il-gzejjer u qed jirrisjedi barra minn Malta, x’ aktarx f’ Dubai, u minn dak iz-zmien l’ hawn ma ghamel l-ebda kuntatt, la mar-rikorrenti u lanqas mal-minuri u wisq anqas ma ikkontribwixxa ghall-manteniment tal-minuri msemmi kif obbligat skond id-digriet;

Illi r-rikorrenti giet awtorizzata tipprocedi f’ din l-istanza permezz ta’ digriet datat tnax (12) ta’ Frar elfejn u tmienja (2008).

Jghid ghalhekk l-intimat, ghaliex ghar-ragunijiet fuq premessi, din il-Qorti fl-ahjar interess tal-minuri C B m’ ghandiex prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tirrevoka contrario imperio id-digriet taghha datat hdax (11) ta’ Gunju elfejn u sebgha (2007);

2. Tordna illi l-kura u l-kustodja tal-minuri C B tigi fdata esklussivament lir-rikorrent A B;

Bl-ispejjez tal-prezenti, kontra l-intimat ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati li biha eccepew li huma m’ humiex edotti mill-fatti, u rrizervaw id-dritt li jipprezentaw risposta ulterjuri kif u meta jigu edotti mill-fatti;

Rat ir-rapport ta’ l-Avukat tat-Tfal Dottor Stephanie Galea prezentat fis-16 ta’ Lulju 2008;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob ir-revoka tad-digriet moghti minn din il-Qorti fl-istadju tal-medjazzjoni fil-11 ta' Gunju 2007, bazat fuq ftehim raggjunt mill-partijiet;  kif ukoll sabiex din il-Qorti takkordalha l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri C B, bin il-partijiet.

**Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li fit-13 ta' Marzu 2007 il-partijiet kienu, fi stadju tal-medjazzjoni, lahqu ftehim, fejn inter alia ftehmu, li l-kura u kustodja tal-minuri C tkun wahda kongunta, filwaqt li l-missier, il-konvenut assenti, kellu jhallas l-ispejjez relatati ma' l-edukazzjoni tal-minuri u jhallas ghall-ilbies tieghu, u l-omm, l-attrici, kellha thallas l-ispejjez tat-trasport.  Dan il-ftehim kien gie approvat mill-Qorti b' digriet moghti fil-11 ta' Gunju 2007.

Illi jirrizulta mhux kontraddett li l-konvenut halla Malta f' Ottubru 2007 flimkien ma' wahda Russa jdentifikata mill-attrici b' isimha, u qata' kuntatt minn ma' l-attrici. Sussegwentement huwa kien gie Malta ghal gimghatejn f' Marzu 2008 sabiex jigbor it-tfal li huwa ghandu minn din il-habiba tieghu.  Sadanittant il-konvenut ma onerax il-ftehim tieghu li kien ghamel ma' l-attrici, fis-sens li minn dak inhar li telaq hu ma baqax ihallas l-ispejjez edukattiv kif kien obbliga ruhu li jaghmel, bir-rizultat li l-attrici kellha tohrog it-tifel mill-iskola privata li fiha kien irregistrah il-konvenut, u bdiet tibghatu l-Junior Lyceum. Tghid ukoll li ma kienx baqa' jikkontribwixxi ghall-manteniment tal-minuri.

L-attrici tispjega li hi tixtieq li jkollha l-kura u kustodja esklussiva tat-tifel, peress li tibza' li l-konvenut jiehdu mieghu barra minn Malta sabiex dana jghix mas-siehba ta' missieru, u t-tfal taghhom;  u di piu' peress li l-konvenut jghix barra minn Malta, ikun opportun anke ghall-ezigenzi

medici tat-tifel, li hi tkun tista’ tiehu waheda decizjonijiet ta’ natura urgenti.

Illi mir-rapport ta’ l-Avukat tat-Tfal jirrizulta li t-tifel C, li llum ghandu 12-il sena, jixtieq jibqa’ jghix ma’ ommu; u, filwaqt li ma jsibx oggezzjoni li jara lil missieru, huwa jixtieq li anke matul l-access ta’ missieru, ommu tkun prezenti, u b’ hekk ihossu aktar “rilassat u kuntent ma’ missieru.”

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi din il-Qorti, wara li qieset l-interessi tal-minuri, hija tal-fehema li l-aqwa interess u vantagg ghall-minuri huwa li dana jibqa’ jghix ma’ ommu, b’ access favur il-missier; u stante li l-missier jghix barra minn Malta, huwa opportun u fl-interess ta’ l-istess minuri, li l-ommu jkollha l-kura u kustodja esklussiva tieghu.

Inoltre, stante li l-missier jghix barra minn Malta, l-modalita’ ta’ l-access dirett tieghu jigi stabbilit, fuq rikors appozitu maghmul minnu.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ it-talbiet attrici; u, fl-interess tal-minuri, filwaqt li tirrevoka d-drigriet moghti fil-11 ta’ Gunju 2007, takkorda lill-attrici l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri C B.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-konvenut, izda dawk relatati mal-kuraturi deputati ghandhom jigu sopportati provvizorjament mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------